KLR 46/V/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 13 ta' Mejju 2009 fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-membri Joseph Debrincat, Josef Schembri, Marcel Tabone, Josephine Cassar u Michel Buttiġieġ u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

SKUŻAT:- Il-Viċi Sindku Victor Galea Pace.

Intqalet talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**1. Mill-Minuti KLR44/V/2009**

1.1 Rigward il-bdil fil-kaxxi tal-monti li huma okkupati minn Raymond Cassar u martu, inġibdet l-attenzjoni li minbarra l-firem ta' Frakie u Joe Grech iridu jinġabu l-firem ta' Raymond u Ġina Mizzi. Dan minħabba li jmissu man-naħħa l-oħra tal-kaxxi okkupati mill-konjuġi Cassar.

1.2 Il-kunsillier Buttiġieġ staqsa jekk kienx hemm risposta fuq il-*bye-law* li l-Kunsill propona rigward l-armar ta' merċa fuq il-bankini tal-ħwienet. Is-Sindku qal li għad m'hemmx żviluppi.

1.3 Il-kanna tal-*wire* tad-dawl li tmiss ma blokk B f'taċ-Ċawla H. E. tneħħiet u kif ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti ser issir trinka fit-triq biex dan il-*wire* jgħaddi minnha.

1.4 Il-kunsillier Debrincat għarraf lill-preżenti li rigward (mozzjoni 128) ser issir bozza mad-dar tal-ġenb tal-kappella tar-Rgħaj it-Tajjeb pero' mhux ser jitwaħħlu *brackets* tal-*wires* mal-faċċata tal-kappella.

1.5 Tressaq ir-rendikont tal-ġemellaġġ f'Nichelino fi Frar 2009 li miegħu irid jiżdied is-*subsitance allowance* tal-kunsilliera . Ara dokument A anness.

1.6 Inġibdet l-attenzjoni rigward ix-*showroom* li tinsab fil-kantuniera ta' Triq Viani. Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni tal-propjetarju sabiex jara li ma jkunx hemm periklu f'dan il-bini.

1.7 Dwar il-problema ta' l-ilma tax-xita li qed iżomm quddiem 'Viva Maria – Australia House' f'Qasam San Ġorġ, il-membri qablu sabiex il-Perit Edward Scerri jiġi mitlub jagħti dettalji fuq ix-xogħol li sar.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

**Mozzjoni 132** tressqet mill-kunsillier Marċel Tabone u ġiet issekondta mis-Sindku.

**Nitlob sabiex issir bozza ġdida fi Triq Għajn Qatet.**

Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li kien ġie avviċinat rigward din it-talba u kien diġa tkellem ma' l-Inġiniera ta' l-Enemalta. Hu spjega li s-soluzzjoni minn naħħa ta' l-Enemalta hi li din titressaq fil-kantuniera ta' l-istess bini. Il-membri qablu li jinġab il-permess ta' sid il-mitħna li magħha tinsab din il-bozza.

**Mozzjoni 133** ġiet imressqa mis-Sindku u ssekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Qed inressaq din il-mozzjoni sabiex titranġa bankina mikusra l-isfel mid-dar 66 fi Triq San Duminku.**

Din tranġat mill-ħaddiem il-ġdid ta' l-IPSL peress li ġiet approvata mill-Kunsill fuq mozzjoni preċedenti tal-kunsillier Debrincat.

**Mozzjoni 134** tressqet mill-kunsillier Buttiġieġ u ġiet issekondata mis-Sinkdu.

**Nitlob sabiex fi Triq Kerċem fil-parti ta' quddiem 'Julmar Place' titaqtta' u ssir bis-*cement.***

Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jitressaq lill-Minsiteru għal Għawdex peress li din it-triq hi arterja.

**Mozzjoni 135** tressqet mill-kunsillier Schembri u ssekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nitlob li titkompla l-bankina fi Triq Sant' Ursola sa quddiem ir-residenzs 15. Dan minħabba li t-trukkijiet qed irossu mal-ħajt biswit din id-dar bil-konsegwenza li saħansitra inqalgħu is-saljaturi tal-gallarija.**

Billi Triq Sant' Ursola hi arterja il-membri qablu li dan is-suġġeriment jintbagħat lill-Ministeru għal Għawdex.

**Mozzjoni 136** ġiet imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondata mill-kunsillier Schembri.

**Ġejt mitlub minn xi residenti li joqgħodu fi Triq San Ġużepp Labre' biex din it-tirq issir Żona A fl-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat**.

Il-membri qablu li jintalab il-parir ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT).

## 3. Pjazza San Ġorġ

Is-Segretarja Eżekutiva resqet korripsondenza mingħand Ray Piscopo li hu d-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-MEPA. Permezz ta' din il-korrispondenza ġie komunikat li l-Bord tal-MEPA qabel li jikkofinanzja l-proġett ta' Pjazza San Ġorġ sa 50% ta' l-ispejjes b'massimu ta' €200,000. Is-Sindku qal li l-bqija tal-fondi jistgħu jiġu ffinanzjati mill-fatt li l-UIF se jingħaqad mas-CPPS u għalhekk il-vot issa għandu jaqbeż in-nofs miljun ewro, €100,000 jistgħu jinġabru minn ċitazzjonijiet antiki u l-fondi speċjali li l-Kunsilli jistgħu japplikaw għalihom. Apparti hekk, l-aħħar allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill żdiedet b'madwar €60,000. Lill-Mepa ntbgħatulha l-kontjiet ta' Joe Grima tax-xogħol ta' l-ewwel fażi, d-depożitu li jrid jitħallas lill-A.F. Ellis(Marble Works)Ltd fuq il-granit ordnat, il-kont tal-Perit s'issa, ix-xogħol ta' John Grima bħala artist tal-proġett u ta' Ino Attard li ħadem il-funtana fl-injam.

Dwar il-funtana ntbgħatu l-istimi barra minħabba l-fatt li f'Malta m'hawnx minn jaħdem bronż f'dan il-kobor. Billi ntefgħet stima waħda l-membri qablu li l-Kunsill jerġa' joħroġ din it-talba għall-prezzijiet. Il-kunsillier Buttiġeiġ ġibed l-attenzjoni li persuna avviċinatu biex tgħatih dettalji ta' minn jagħmel ix-xogħol ta' funderija barra u qal ukoll li jaf kif tista' ġġib fondi mill-ADT għal dan il-proġett. Is-Sindku qali li ma jafx b'dan il-fond u talbu jressaq aktar dettalji. Il-membri qablu li jekk jafu b'dettalji ta' funderiji barra minn Malta jgħadduhom lis-Seg. Eżekuttiv. Is-Sindku żied li l-HSBC għandha madwar €11,600 allokati għall-proġetti fir-Rabat u l-membri qablu li l-Kunsill għandu javviċina lill-HSBC sabiex dawn ikopru parti mill-ispejjes tal-funtana tal-bronż.

Is-Segretarja Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex ma jidħolx f'aktar *commitments* billi dan il-Kunsill wasal fl-aħħar ġranet tiegħu. Għalhekk issuġġeriet li din il-funtana ma tiġix ordnata issa. Fakret lill-preżenti li l-aħħar laqgħa li ssir hi biss biex jiġu approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa preċedenti. Barra minn hekk f'dawn il-ġranet qed jiġu finalizżati l-kotba għas-sena finanzjarja li għaddiet u l-kredituri jridu jidħlu biex juri s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. L-*accountant* diġa' ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill joqgħod attent biex ma jidħolx għal aktar *commitments* li bihom ikun qed iżid id-*deficit*.

## 4. Estmi 2009 – 2010

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet *draft* ta' l-estmi għas-sena finanzjarja li jmiss. Wara li saret l-evalwazzjoni mill-membri tal-Kunsill qablu li l-allokazzjoni tal-Gvern tkun imqassma skond dokument B anness.

## 5. Ftuħ ta' l-offerta tal-kisi ta' l-isqaqien

Infetħu l-offerti li ntefgħu għax-xogħol ta' kisi ta' sqaqien. Il-prezzijiet huma skond dokument Ċ anness. Il-membri qablu li l-offerta tingħata lil Buġeja Bros peress li ssottomettew l-orħos offerta. Sar qbil ukoll sabiex jiġi nfurmat il-Perit biex issir applikazzjoni mill-Urban Improvement Fund (UIF) biex dan il-proġett jiġi finanzjat minn dan il-fond.

## 6. Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand:-

6.1 il-MEPA
fejn inħareġ il-permess sabiex isir ix-xogħol fuq :-
6.1.1 PA05712/08 għar-restawr tan-niċċa tal-Madaonna ta-Loretu fi Pjazza San Ġorġ,
6.1.2 PA06170/08 għar-restawr tan-niċċa ta' Kristu Re fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar,
6.1.3 PA05710/08 għar-restawr tan-niċċa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar f'Wesgħa San Ġorġ tal-Ħaġar;
6.1.4 PA06168/08 għar-restawr tan-niċċa ta' San Alwiġi Consaga fi Triq Karita'.
6.1.5 fejn intalbet titħallas garanzija bankarja ta' €233 biex jinħareġ il-permess biex isir il-monument f'ġieħ Mons. Luiġi Vella fi Pjazza Savina. Il-membri qablu li din titħallas basta ma tiżdiedx fil-futur. (PA00321/08);
6.1.6 dwar PA 04469/08 fejn il-Kunsill intalab iħallas €372.70 biex jiġi sanzjonat ix-xogħol li sar fil-ġnien ta' Qasam San Ġorġ. Il-membri qablu li dawn għandhom jitħallsu.
6.1.7 fejn intbgħat iċ-ċekk ta' €16,673.92 mill-UIF li jkopri l-ispejjes tas-sistema ta' dawl ġdida fi Pjazza Indipendenza;
6.1.8 fejn intbgaħt *stop notice* lill-Michael Refalo ta' 44, Triq Mattia Preti minħabba li fost oħrajn kienu qed jitqiegħdu *mobile toilets* fil-*front garden*.

6.2 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn intbagħtu:-
6.2.1 Memo 24/2009 dwar l-aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet;
6.2.2 Memo 25/2009 dwar fondi speċjali għal lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika fuq il-*playing field*, t-tindif tal-latrini u t-toroq, l-ħasil ta' Pjazza Indipedenza u tarmac fi Triq Wied Seqer u Sagħtar, fi Triq Ħamamiet u t-Telgħa ta' Majru;
6.2.3 Memo 26/2009 fejn ingħataw dettalji dwar il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir ta' l-iskart organiku;
6.2.4 Memo 27/2009 dwar il-ħinijet tal-laqgħat tla-Kunsilli Lokali;
6.2.5 Memo 28/2009 fuq skemi dwar En*terprise Support Award* u *Green Challenge Award*. Il-membri qablu li fuq l-ewwel *award* il-Kunsill japplika bil-proġett ta' Pjazza San Ġorġ.

6.3 l-ADT fejn inħareġ il-permess biex:-
6.3.1 isiru *double yellow lines* fi Triq Karlu Galea mal-garaxx tad-Dar 'Ta' Ċensa;
6.3.2 isiru *double yellow lines* fi Triq San Duminku mal-garaxx tad-dar 30/31;
6.3.3 isir parkeġġ *un/loading* fi Triq Ġorġ Borġ Olivier quddiem 'Dinvine Houseware';
6.3.4 issir tabella fi Triq Sir Paul Boffa li turi *No-entry except Buses*;
6.3.5 minflok ir-*road hump* fi Triq Għajn Qatet isiru *rumble strips*. Is-Segretarja Eżekuttiva għarfet lill-membri li kopja ta' dan il-permess intbgħat fit-13 ta' April 2009 lid-Direttur għal-Proġetti u Żvilupp minnħabba li Triq Għajn Qatet hi arterja;

6.4 is-Sorjiet Dumnikani ta’ Triq Enriko Mizzi fejn issuġġerew li jiġi kkunsidrat li Triq Enriko Mizzi ssir *one way*. Din it-talba ser tintbgħat għall-konsiderazzjoni ta’ l-ADT;

6.5 Galea Dumri Eng. Consultants Ltd dwar PR 19/08 li hi talba biex issir bozza ġdida fi Triq l-Universitas. L-Enġiniera ta’ l-Enemalta issuġġeriet li teħel ma arblu eżistenti. Il-membri qablu.

6.6 Paul Dimech li kiteb għan-nom ta’ sid ir-ristorant Eldorado fi Triq Ġorġ Borġ Olivier sabiex il-Kunsill jibgħat *no objection* lil MTA biex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet quddiem dan il-ħanut. Ġiet sottomessa pjanta ta’ kif dawn qed jiġi suġġerit li jitpoġġew. Il-membri ma sabux oġġezjoni;

6.7 l-Ombudsman fejn talab aktar dettalji rigward il-kaxxi vojta li jinsabu fil-monti ta’ Pjazza Indipendenza. Il-membri qablu li l-Kunsill jibgħat id-dettalji kollha dwar il-proċedura li saret matul dawn l-aħħar tlett snin ta’ dan il-Kunsill. Il-Kunsill mexa ma’ l-Att dwar il-liċenzji tal-kummerċ ta’ l-2001 Kap. 441, Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap. 363) u ma ‘ l-Avviż Legali 119 ta’ l-2002;

6.8 l-Oasi rigward il-premju Żgħażugħ tas-Sena 2009;

6.9 Dr. Stefan Buontempo li hu l-kelliem ewlieni Laburista għall-Gvern Lokali. Il-membri ġew mistiedna jressqulu l-kummenti dwar il-kontenut tad-dokumnet “Biex il-Kunsill jagħtik l-aqwa servizz” li jitratta l-proċess ta’ tiġdid tal-Kunsilli Lokali mnhedija mill-Gvern;

6.10 Joanne Cassar li tuża kaxxa tal-monti fit-Tokk. Din għarrfet lill-Kunsill li għamlet nulla l-ittra li bgħatet lill-Kunsill rigward tibdil tal-kaxxi tal-monti datata 9 ta’ Frar 2009. B’hekk kaxxa 30 terġa titħaddem minn Joanne Cassar u kaxxa 31 tiġi titħaddem minn Ċettina Xuereb. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

6.11 Politecnica li talbu laqgħa mal-Kunsill rigward iċ-Ċittadella – Master Plan. Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta’ Mejju 2009 fl-10.00 ta’ filgħodu;

6.12 l-Gwardjan tal-kunvent tal-Kapuċċini fejn intalab li biex isir id-dawl mal-faċċata tal-knisja u tal-kunvent kif sar mal-kunvent ta’ Santu Wistin. Il-membri qablu li din titħalla għad-deċiżjoni tal-Kunsill il-ġdid. Patri Gwardjan għandu jiġi nfurmat ukoll li x-xogħol tad-dawl mal-kunvent ta’ Santu Wistin sar mill-patrijiet Agostinjani stess u l-Kunsill intervjena biss biex id-dawl li sar ġdid jitqabbad mal-linja tad-dawl ta’ l-Enemalta;

6.13 Roberto Canale minn Sardinia fl-Italia li ssuġġerixxa li jinbeda l-proċess għall-ġemmellaġġ mal-Belt tagħna peress li ż-żewġ lokalitajiet għandhom parroċċi ddedikati lill-San Ġorġ. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment għandu jgħaddi f’idejn il-Parroċċa ta’ San Ġorġ;

6.14 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex. Dwar it-tismija ta' Triq it-23 ta' April 303, dan il-kumitat għarraf lill-Kunsill li kull meta issemmew toroq li jfakkru dati relatati ma' festi tal-Madonna jew tal-Qaddisin, is-sena qatt ma ddaħlet fl-isem. Ingħataw ukoll xi eżempji. Il-membri qablu li kopja ta' din l-ittra tintbgħat lill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ għall-kummenti tiegħu minħabba li din il-proposta kienet tressqet minn naħħa ta' l-istess Paroċċa;

6.15 BCGL Advocates li kitbu għan-nom ta' Joseph Bonello minn Għajnsielem, rigward ċitazzjoni li ħa fi Triq Mons. Luiġi Vella. Hu talab rimbors tat-taħrika. Billi jista' jinħoloq preċedent, il-membri ma qablux li l-Kunsill jagħti dan ir-rimbors. Dan minħabba l-fatt li t-tabelli twaħħlu skond il-permess ta' l-ADT.

## 7. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

7.1 jintalab il-parir ta' l-ADT biex fi Triq Ġużè' Micallef kantuneira ma Triq Patri Anton Debono issir *stop sign* biex jiġi kontrollat aktar it-traffiku li joħroġ minn Triq Ġużè' Micallef għal Triq Patri Anton Debono;

7.2 jintalab il-permess ta' l-ADT biex issir *pedestrian crossing* fi Triq l-Arċisqof Pietru Paċe qabel l-iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof;

7.3 l-Perit jiċċertifika l-kont ta' Gatt Tarmac rigward it-tiswija li saret fi Triq iċ-Ċangar tax-xquq li dehru fit-triq;

7.4 peress li fi sqaq 4 ta' Triq San Ġorġ hemm bozza kbira li qed tgħati d-dawl fil-kamra tas-sodda ta' residenta, għandu jeħel fanal iżgħar li jagħti l-istess dawl u jitniżżel l-isfel biex ma jkunx dirett fuq it-tieqa ta' din ir-residenta;

7.5 Paul Tabone jiġi nfurmat li jekk sa żmien ġimgħa ma jagħtix il-fehma tiegħu rigward it-twaħħil ta' bozza ma 7 Triq San Duminku, il-Kunsill iqis li jaqbel li din teħel;

7.6 titranġa biċċa kurduna żgħira mill-bankina fi Triq Borġ Geritu kantuniera ma Qasam San Ġorġ;

7.7 li l-Kunsill jipparteċipa fil-fesitval organiżżat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa billi jintramaw l-bandalori tal-Kunsill u ritratti tal-lokal tagħna. Il-gruppi folk tar-Rabat għandhom jiġu nfurmati jekk humiex interessati jipparteċipaw f'dan il-festival;

7.8 jinxtraw għaxar kotba mingħand Chalres Beżżina li jitrataw it-tieni gwerra dinjija. B'kollox jiswew €50. Dawn jitqassmu f'Jum il-Premjazzjoni fl-iskejjel tar-Rabat;

7.9 tintalab spjegazzjoni mill-Koperattiva Indafa Pubblika (KIP), rigward l-*overtime* li l-Kunsill qed ikollu jħallas kull nhar ta' Tnejn lill-ħaddiema tal-Wasteserv;

7.10 ssir laqgħa ta' inforamzzjoni mir-Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta fuq l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fil-bini amministrttiv tal-Kunsill nahr is-Sibt 23 ta' mejju 2009;

7.11 l-Kunsill iqabbad it-taqsima ta' l-Agrikultura sabiex jinżabbru s-siġar tal-palm fil-H. E. taċ-Ċawla;

7.12 l-Kunsill jipparteċipa fil-programm Leone Goes Pop u l-ispejjes tal-loġistika m'għandhomx jaqbżu l-€233. Il-Kunsill għandu jgħarraf lill-organiżżaturi li għad ma ntbgħatitx risposta minn naħħa tas-Soċjeta' Filarmonika Leone relatata mal-kunsillier Buttiġieġ;

7.13 tinħareġ *no objection* sabiex isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel fl-okkażjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Fontana nhar il-Ħadd 14 ta' Ġunju 2009 wara nofs in-nhar. Dan bil-kundizzjoni li dritt wara l-attivita' Triq Santa Dminka (fejn ser isiru t-tiġrijiet) u t-toroq tal-ġnub jitnadfu immedjatament;

7.14 jinħareġ il-permess lill-Arka Foundation sabiex fit-8 ta' Awwissu 2009 jorganiżżaw *bar-b-q* fil-parkeġġ ta' wara l-*bus terminus*. Dan bil-kundizzjoni li t-tidnif isir eżatt wara li tispiċċa l-attivita';

7.15 il-Kunsill jipparteċipa fl-organiżżazzjoni tal-kunċert li jikkomemora d-dħul ta' Malta fl-Ewropa. Il-kunċert ser isir fl-10 ta' Mejju 2009 fi Pjazza Indipendenza bil-parteċipazzjoni tal-Gozo Youth Wind Band & Orchestra. Il-membri qablu li ma jintefqux aktar minn €233 f'loġistika;

7.16 jiġi approvat il-ħlas tax-xogħol tat-triq ta' maġenb il-konservatorju ta' l-Isqof. Dan kif maqbul f'KLR 27/V/2007. Mill-kont mibgħut għandu jinqata' t-tħaffir tat-trinka għall-*main* ta' l-ilma u t-twittija ta' l-art biż-żrar, peress li l-Kunsill kien qabel li jħallas biss ix-xogħol tat-tqaxxir u l-kisi bil-*printed concrete*. L-ammont li jrid jitħallas hu €9,621.72.

7.17 Is-Sindku ressaq korrispondenzi li bihom għarraf lill-membri li rigward id-devoluzzjoni tal-*playing field* ta' taħt il-*Bus Terminus* is-Segretarju Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku Dr. Chris Said u s-Segretarju Parlamanetari ta' l-artijiet u erarji pubbliċi Dr. Jason Azzopardi, qablu li din tgħaddi b'devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali bil-kiosk inkluża.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-membri li l-Kunsill :-

7.18 irċieva l-pagament ta' €21,646.59 mingħand il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali rigward il-proġett li sar f'taċ-Ċawla H. E.;

7.19 irċieva €1,200 li hu *sponsor* mill-HSBC rigward l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena 2008;

7.20 irċieva wkoll €5,000 mill-isekma ta' l-attivtajiet kulturali mnehdija mid-Dipartiemnt għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill applika fuq l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena 2008;

7.21 intbagħatet ittra lill-bejjiegħ tal-ħaxix li jarma fl-ewwel post malli taqbad il-parkeġġ il-kbir mit-triq ta' maġenb il-*palying field*. Dan ġie nfurmat sabiex minn l-Erbgħa 29 ta' April 2009 ma jibqax jarma f'dan il-post peress li l-iżviluppaturi ta' The Duke riedu jgħaddu parti mit-triq eżatt minn dan il-post. Dan skond il-permessi kollha meħtieġa.

Il-laqgħa spiċċat fis-2.30 ta' wara nofs in-nhar. L-aħħar laqgħa tal-Kunsill biex jiġu approvti dawn il-minuti ser issir nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju 2009 fis-1.30 ta' wara nofs in-nhar.;

Robert Tabone
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv